MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Numru 436/2003

**Artikoli 5 tal-Kap 61 u l-artikolu 189, 172 u 173 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Sandro Zarb**
**v**

**EMADEDDIN ERTIMA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMADEDDIN ERTIMA** ta' sebgha w ghoxrin sena, bin Belaid u Mabrouka imwieled l-Libja nhar d-disgha ta' Frar 1975 u detentur ta' passaport Libjan numru 237816, gie imressaq quddiemha akkuzat talli matul dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer,

1. Ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li huwa jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;

2. Talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat;

**3.** Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissiggilaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew tal-Awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' proprjeta pubblika jew li jkunu qeghdin that il-kustodja pubblika wkoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera.

Rat d-dokumenti esibiti u cioe l-istqarrija tal-imputat datata wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2003 esibita fl-atti.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 5 tal-Kap 61, l-artikolu 189, 172 u 176 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Mejju 2003, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li huwa hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti ai fini ta' piena ikkunsidrat dak li qalet il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha u cioe li l-imputat kkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni.

Qisiet l-ammissjoni bikrija tieghu u cioe dik maghmula minnu fl-ewwel appuntament moghti lilu fil-presentata ta' din il-Qorti.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat l-Qorti tiddikjara li qed issib lil imputat **EMADEDDIN ERTIMA** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li m'ghandhix taghti piena karcerarja effettiva izda ghandha tissospendi l-piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 5 tal-Kap 61, l-artikolu 189, 172 u 176 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat EMADEDDIN ERTIMA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' erbatax il-xahar sospizi ghal tlett snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservaha.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------